**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/178/20/S

Daniel Mercieca
vs
General Gas Ltd

Illum 28 t'Ottubru,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Daniel Mercieca pprezentata fl-20 ta'Novembru,2020 u r-risposta tas-socjeta General Gas Ltd ipprezentata fit-13 t'April,2021;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u x-xhieda imressqa minnhom u t-trattazzjoni li saret fis-seduta tas-17 ta'Gunju,2021;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegati grif kawzati minn haddiem tas-socjeta intimata waqt l-istallazzjoni ta' "*microwave oven*";

Illi l-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta ighid li : "*L-obbligu tal-prova ta'fatt imiss dejjem lil min jallegah*". Inoltre dan hemm ukoll l-artiklu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta li jghid li "*…il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib*";

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti irid jipprova li s-socjeta intimata hi responsabbli ghall-allegati hsarat;

Illi mhemmx kontestazzjoni fuq il-hsara izda dwar ir-responsabilita;

Illi l-provi mressqa ma jikkonfermawx kompletament dak sostnut mir-rikorrenti. Hija verosimili l-verzjoni tat-

'technician' Alex Galea li hu u r-rikorrenti qabdu l-'*micro-wave oven*' u laqtu l-bieba konsistenti f'grif zghar;

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal partikolarment mir-ritratti pprezentati, il-grif huma minimi;

Illi t-Tribunal jirrileva li ma ngabet ebda prova konklussiva li l-hsarat allegati saru unikament mit-'*technician*' izda semmai minnu u mir-rikorrenti flimkien;

Illi dan it-Tribunal irid joqghod fuq il-provi imressqa u mhux fuq asserzjonijiet mhux konfermati bil-provi;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti ma tistax tintlaqa' fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta' Daniel Mercieca filwaqt li Jordna lis-socjeta General Gas Ltd thallas lil Daniel Mercieca s-somma ta' €75 stabbilita *ex aequo et boni*, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru